31989R3470

21.11.1989 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 337/6

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 3470/89
tas-16 ta' Novembru 1989
dwar il-metodu ta' analiżi li għandu jintuża għall-applikazzjoni tan-Nota Addizzjonali 2 tal-Kapitolu 7 tan-nomenklatura magħquda

Il-KUMMISSJONI TAL- KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffi u ta' l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni [1], kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KEE) Nru 3469/89 [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tiegħu,

Billi, sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-nomenklatura magħquda (annessa mar-regolament fuq imsemmi) għandhom jiġu adottati dispożizzjonijiet għall-applikazzjoni tan-Nota Addizzjonali 2 għall-Kapitolu 7 għan-nomenklatura magħquda;

Billi, skond l-istudji mwettqa, il-metodu ta' analiżi deskritt fl-Anness ta' dan ir- regolament jidher li huwa xieraq;

Billi l-Kumitat tan-Nomenklatura ma tax opinjoni fit-terminu stabbilit mill-president tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-metodu ta' analiżi li għandu jintuża għall-applikazzjoni tan-Nota Addizzjonali 2 għan-nomenklatura magħquda huwa dak li jinsab fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir- Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1990.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, fis-16 ta' Novembru 1989.

Għall-Kummissjoni

Christiane SCRIVENER

Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 256, tas-7.9.1987, p. 1

[2] Ara l-paġna 5 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali

L-ANNESS

METODU TA' ANALIŻI LI GĦANDU JINTUŻA GĦALL-APPLIKAZZJONI TAN-NOTA ADDIZZJONALI 2 TAL-KAPITOLU 7 TAN- NOMENKLATURA MAGĦQUDA

1. **Prinċipju**

Kwantità miżuna tal-pritkuni jinxterdu f'ilma kiesaħ, mingħajr ma jgħaddu minn xi trattament fiżiku ieħor li jista' jwassal għal tnaqqis fid-daqs tagħhom, jew minn xi modifikazzjoni strutturali. Il-materjal riżultanti jiġi mgħoddi minn passatur permezz ta' kwantità kbira ta' ilma kiesaħ u l-fdalijiet jitnixxfu u jintiżnu.

L- ammont tal-prodott li jgħaddi mill-passatur (Z) huwa espress bħala perċentwali massa tal-kampjun, ikkoreġut sabiex jiġi meqjus l-ammont ta' umdità fil-kontenut.

2. **Apparat**

2.1. miżien analitiku

2.2. tazza biż-żennuna tal-ħġieġ, 1 1;

2.3. passatur tad-drapp tal-*wire* tal-metall minsuġ b'apertura ta' 2 mm;

2.4. karta xuga, mnixxfa;

2.5. forn li jnixxef, 40 °C

2.6. forn li jnixxef, 103 °C

3. **Proċedura**

Iżen mill-inqas 100 ± 0, 1 g ta' kampjun rappresentattiv tal-pritkuni fit-tazza biż-żennuna (2.2). Żid 800 ml ilma kiesaħ u ħallieh joqgħod għal mill-inqas 16-il siegħa, u ħawwdu bil-mod kultant.

Itfa' l-kontenut tat-tazza biż-żennuna ġol-passatur (2.3) bl-użu ta' kwantità kbira ta' ilma kiesaħ. Itfa' dak li jifdal fil-passatur ġo karta filtranti (2.4), poġġih fil-forn (2.5) f'temperatura ta' 40 °C nixxef bil-lejl. Wara lejl jinxfu, nixxef il-fdalijiet fil-forn (2.6) f'temperatura ta' 103 °C sakemm ikollok piż kostanti.

4. **Kalkolazzjoni u espressjoni tar-riżultati**

$$Z = 100 - \frac{r \times 100}{1 \times \frac{(100 - v)}{100}}$$

fejn

r hija l-massa, fi grammi, tal-fdalijiet mnixxfin tal-passatur

i hija l-massa, fi grammi, tal-kampjun

v hija l-kontenut ta' umdità tal-kampjun stabbilit skond il-metodu fis-Sezzjoni 1 ta' l-Anness tad-Direttiva tal-Kummissjoni 71/393/KEE [1].

[1] ĠU L 279, ta' l-20.12.1971, p. 7.